# Messaġġ bi Storja

Meta darba saqsew lil Lech Walesa, il-mexxejj qalbieni tal-moviment Solidarnosc, li mbagħad ġie elett President tal-Polonja, għaliex huwa kattoliku: wieġeb b'mod sempliċi: "għax għandi biża mill-Infern, hemmhekk hemm żgur Stalin u Lenin, u ara x'jagħmluli jekk ipoġġuni ħdejhom!"

B'dan il-kumment umoristiku ta' bniedem sempliċi, Walesa għaraf igħid verita', u igħidha bi tbissima. Meta priedka, diskors, stqarrija tkun niexfa u arida, tajba kemm hi tajba, ma tiġbidx l-attenzjoni u l-immaġinazzjoni; min jisma', biex iżżommu attent, trid tgħidlu dik iċ-ċajta, jew issemmi anedottu; basta dik iċ-ċajta u dak l-anedottu ma jkunux għan fihom innifishom iżda mezz ta' tagħlim.

Mhux ta' b'xejn l-Imgħallem kien juża l-parabolli; huma stejjer, iżda kollha b'tagħlima u ħsieb profond fihom. Fi żmien ta' għajn għal għajn u sinna għal sinna, il-Mulej jirrakonta l-parabbola ta' l-Iben il-Ħali, li waqt li qed jitma' il-gniedes, iqum u jmur għal għand missieru, li jsibu jistennih u joħroġ għalih, waqt li l-iben l-ieħor – dak li qatt ma irċieva gidi bħala rigal biex jagħmel festa ma' sħabu - jagħmel il-buri u jiġi mċanfar: "kulma hu tiegħi hu tiegħek, iżda dan ħuk kien mitluf u issa instab; parabboli b'dettalji fini, is-sid li jqassam il-ħaddiema fl-għalqa tad-dwieli, Lazzru li joqgħod jistenna li taqa' loqma mill-mejda tas-sinjur, ix-xebbiet li ħarġu għall-għarus, min b'żejt biżżejjed u min le; il-ħaddiema li jieħdu t-talent, min jidfnu u min jużaħ. Tista' tgħid hemm it-tagħlim u l-prinċipji insara kollha moħbija f'dawn il-parabboli.

Papa Ġwanni XXIII kien l-ewwel Papa li fid-diskorsi tiegħu, bl-istil ġdid tiegħu, ħoloq rapport intimu ma' l-udjenza; fil-ftuħ tal-Konċilju filgħaxija kien għajjien mejjet iżda il-qamar kien qed jiddi fuq pjazza mimlija nies bi fjakkoli f'idejhom. Talbuh biex ibierek il-folla; aċċetta iżda qal li ma kienx jiflaħ biex jagħmel diskors. Meta ra dik ix-xena ta' baħar nies bin-nar inemnem f'idejhom, ħariġlu wieħed, mill-isbaħ, jekk mhux l-isbaħ diskors tiegħu: "araw", kien qal, anki l-qamar ħareġ biex jara dix-xena sabiħa:  meta tmorru lura d-dar u issibu t-tfal tagħkom, għannquhom u għidulhom din hi t-tgħanniqa tal-Papa';" liema Papa sa dak in-nhar kien tkellem b'dik l-intimita' mal-merħla tiegħu?"

Is-soċji tal-MUSEUM jagħmlu s-sajda Mużewmina.  Kull darba li kelli x-xorti nismagħhom, dejjem ħadt gost.  M'humiex monotoni. Jindirizzawhom nies preparati, iżda li jitkellmu bil-Malti li jitkellmu n-nies. Anki l-kbar meta tgħidilhom storja, jaqa' skiet perfett, għax l-istejjer m'humiex tajbin biss għat-tfal biex joqgħodu kwieti.  Ninnota dan meta predikatur igħid storja sabiex jillustra l-punt tiegħu, in-nies joqgħodu attenti.

Illum il-mezzi ġodda ta' kommunikazzjoni jagħtuna vantaġġi kbar fuq dawk li ġew qabilna sabiex inwasslu l-messaġġ tagħna b'kompjuters, "overhead projectors", internet, e-mail, dvd's etc. Iżda xejn daqs il-kelma ħajja, trasmessa b'għaqal u dedikazzjoni, ma twasslu daqstant b'mod effettiv it-tagħilm nisrani.  Għax il-kelma ħajja hija preżenti u reali, bħalma t-teatru għandu l-vantaġġ ta' spettaklu ħaj fuq il-film proġettat f'ċinema.

J’Alla nagħarfu dejjem inwasslu il-messaġġ tagħna, mingħajr pompa u trijonfaliżmu, izda b’umilta’, b’għaqal u b’mod li l-udjenza tagħna – hi min hi – tismagħna.